# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Jonathan Galea

Illum 11 ta’ Dicembru, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta’Jonathan  Galea bin Mary Ciantar nee Galea, imwieled fil-29/09/1984 u joqghod 23, Maria Annunzjata, Triq San Gwakkin, Marsaskala, ID 500284 M.

Billi int akkuzat talli fl-14 ta’ Jannar, 2023 ghall-habta ta’ 12.30 hrs f’Triq il-Labour, Haz Zabbar soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni HAW 423;

1. U aktar b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta’ natura hafifa fuq

il-persuna ta' Ines Magro skond kif iccertifika Dr. Elena Fava M.D. mill-M.D.H. Kap 9 Art. 226(1)(c).

2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, Kap. 65 Art. 15(1)(a)(2).
3. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza, Kap 65 Art. 15(1)(a)(2).

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l- Artikolu 226(1)(c) tal-Kap 9 Artiklu 15(1)(a ) (a) tal- Kap 65 L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat  x-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta..

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**<u>Ines Magro, </u>**xehdet hekk

Qorti: Mela sinjura kont involuta f`xi incident awtomobilistiku?

Xhud: Iva ehe mort nixtri fl-14 ta` Jannar 23, kienu xi nofs siegha dak il-hin.

Pros: Liema lokalita?

Xhud: Haz-Zabbar triq il-Labour.

Pros: Tghidilna daqxejn x`gara sinjura?

Xhud: Mort nixtri mat-tifla qsamt tfajt l-affarijiet fil-karozza.

Pros: Meta tghid qsamt kemm hemm lanes go dit-triq?

Xhud: Hemm 2 le imma qsamt biex poggejna l-affarijiet fil-karozza umbaghad kelli it-trolley u mort inpoggi it-trolley lura jien il-Mille Profumi jiġifieri fejn kont qed nixtri imbaghad rajt hux ġejjin karozzi jiena.

Pros: Inti it-trolley mil-liema direzzjoni għal-liema direzzjoni kienet il-flow tat-traffic?

Xhud: Ħa ngħidlek min min-naħa minn faċċata għal-hawn jiena qsamt it-triq 3 kwarti tat-triq kont diġà qsamthom jiena m' inix miġnuna.

Pros: Inti kont in-naħa ta' Bormla jew in-naħa sejra ħaż-Zabbar?

Xhdu: Int u niezla Bormla.

Pros: Inti kont wasalt in-naħa ta' l-Mille Profumi qiegħed in-naħa l-oħra?

Xhud: Ehe biex inqeghed it-trolley it-tifla kienet ipparkjata din-naha jiena qsamt it-triq biex imur inqeghed trolley f`postu.

Pros: Jigifieri mort Mille Profumi għan-naħa l-oħra umbagħad jiena jien hawn qasam jiena u naqsam it-triq ghafas il-gass qiktar minn normali orrajt u laħqni, jiena lħaqt qsamt jiġifieri l-biċċa tat-triq u laqatni hu bit-trolley b' kollox man- number plate tiegħu. Tefghani mal-art fuq in-naħa l-oħra mimduda mal-art ġejt jiena u lanqas biss offrielna biex iwassalna jew jekk għandniex bżonn xi ħaġa ħareġ mill-karozza u beda jirrabja beda jgħid li qsamtlu.

Pros: Għal min qed tirreferi qiegehd fl-awla sinjura das-sinjur jekk thares hawnekk?

Xhud: Iva naħseb li dan, iva dan hu.

Qorti: Ix-xhud indikat l-imputat.

Xhud: Kull ma qrajtu darba jiena jiġifieri dik ingħata l-açċident għax meta mort nagħmel ir-rapport lanqas ismu u hekk ma tani xejn mhux interess tiegħi imma qal li naf jiena li għamilt erba' xhur bil-krozzi jien, erba' xhur bil-krozzi b'saqajja minfuħa ma tistax tinżilli nefħa għamilt imbagħad għamilt terapija domt immur xi 5 xhur oħra. Kont immur il-polyclinic it-terapija tar-Raħal Gdid u tal-Kalkara jekk trid nurikom il-karti.

Qorti: Fejn hemm iż-żebra crossing sinjura fi triq?

Xhud: Iz-zebra crossing mhux hemm qiegħda iżda pjuttost dak iż-żmien ma kenitx hemm iktar l-isfel hafna iktar l-isfel aħna konna l-bidu taghha tat-triq hawn fuq u żebra crossing qiegħda fejn dak tat-toys l`hemm isfel kienet il-boghod.

Pros: Kemm kien fadallek biex tasal għan-naħa l-oħra sinjura għal-bankina l-oħra kemm kien fadallek?

Xhud: Daqs nofs karozza, ghax kont diġà qsamt it-triq hekk jiena u hu laqatni. Qsamt it-triq l-ewwel biċċa kollha, sewwa tan-naħa minnhom u n-naħa l-oħra imbagħad fin-nofs ħadli għax waqalu u hu waqalu in-number plate u ħareġ jiġbru. Ħareġ ukoll in-number plate minn mal-art. U t-trolley ma nafx fejn tar għax t-trolley ha ħsiebu tal-ħanut imbagħad.

Pros: Sinjura għalfejn qed taħseb li hu kif rak żied il-gass għalfejn qed taħseb hekk?

Xhud: Għax jiena kkalkulajt li naqsam u mhiniex miġnuna jiena nibża' naqsam, jien nibża' naqsam hu kif naqbad u naqsam ma tantx jiena wahda li nqabad u naqsam ikkalkulajt jiena qrajt u jagħfas il-karozza anke brejkijiet tista' tarahom fuq li żamm tal-karozza brejk daqsiex zamm imbagħad bil-carrier b`kollox u tajjarni.

Pros: Min-naħa tiegħi m'għandix iktar.

Avu: Kontro Ezami, mela sinjura naqblu li it-triq fejn ġara l-inċident hija tri 2 way, jiġifieri traffiku isuqu fiż-żewġ naħat 2 direzzjonijiet?

Xhud: Iva.

Avu: Naqblu ukoll li din hija triq traffikuża ħafna passaġġuża ħafna?

Xhud: Iva naqblu.

Avu: Issa naqblu wkoll illi it-tifla tiegħek pparkjat il-vettura tagħha pressappoco faċċata ta' dan l-istabbiliment li intom kontu għadkom kemm xtrajtu?

Xhud: Iva ghax arking ma kienx hemm dik in-naħa.

Avu: In-naħa l-oħra pero pressapoco ipparkjat faċċata tal-istabbiliment?

Xhud: Le mhux faċċata tal-istabbiliment kien mimli iktar il-fuq konna mill-istabbiliment mhux eżatt faccata.

Avu: Aħna l-maltin konna nkunu rridu nipparkjaw eżatt faccata pressapoco fil-viċinanzi tal-istabbiliment ?

Xhud: Fejn sabet.

Avu: Tajjeb issa jiġifieri naqblu fuq domanda tal-Qorti inti għidt illi il-zebra crossing kien iktar il fuq jekk fhimt tajjeb?

Xhud: Ehe.

Avu: Kemm iktar fuq jekk tieħu distanza ta' tulijiet ta' vetturi kemm kien hemm distanza hekk jagħti lill-it-tifla sa fejn kien hemm iż-żebra crossing?

Xhud: Huwa hemm ħanut tat-toys.

Avu: Trid tghidilna it-tul ta` karozzi is-sinjura ma tafx it-toroq ta` Malta kollha?

Xhud: Kien hemm tul ta' iktar naħseb minn 10 karozzi.

Avu: Jiġifieri għalik għalkemm passagguza, traffikuża bil-vetturi għaddejjin fiż-żewġ direzzjonijiet kien iktar faċli għalik li inti taqsam fid-dritt għaliex fejn ridt tħalli trolley huwa faċċata tiegħek milli timxi dawn it-tulijiet 10 karozzi u taqsam minn fuq iz-zebra crossing hux hekk?

Xhud: Kien hemm ħafna tul.

Avu: Jiġifieri iktar faċli taqsam hekk.

Xhud: Jiena meta qsamt il-il-karozzi rajt minn din in-naħa u qsamt u.

Avu: Issa ħa nsaqsik u dik mela naqblu li din it-triq hija triq dritta?

Xhud: Iva.

Avu: U dritta xemgħa?

Xhud: Iva ehe.

Avu: Inti qabel ma intlaqat il-vettura li laqtitek jew aħjar laqtitlek it-trolley inti rajtha?

Xhud: Jrajtha imma kienet għadha fil-bidu ta' triq u triq twila hafna.

Avu: Sinjura ftakar li qeghda bil-gurament.

Xhud: U niehu gurament li kienet il-boghod hafna il-karozza.

Avu: Mela tajjeb mela inti għedtilna li din il-vettura qabel ma qsamt rajtha?

Xhud: Iva rajtha imma l-boghod.

Avu: U rajtha li kienet fuq ix-xellug tiegħek?

Xhud: Iva.

Avu: Kemm kienet il bogħod minnek?

Xhud: Qed ngħidlek kienet iktar minn 10 karozzi fil-bidu tat-triq kienet.

Avu: U t-traffiku li kien ġej mid-direzzjoni jigifieri min-naħa tal-lemin tiegħek it-triq kienet vojta kompletament?

Xhud: Iva.

Avu: Zgur minnha sinjura?

Xhud: Zgur zgur zgur li minn naħa li qsamt nies kien hemm ħadd.

Avu: U inti ħadt deċiżjoni li taqsam għalkemm kont konsapevoli li kien hemm vettura ġejja min-naħa tax-xellug tiegħek hux hekk?

Xhud: Jiena jiena kkalkulajt li naqsam.

Avu: Mela tajjeb issa mela inti kkalkulajt li sa minn meta ħadt id-deċiżjoni li int ħa tibda taqsam lejn fejn kont qed tħares?

Xhud: Id-direzzjoni tan-naħa tal-karozza in-naha tax-xellug harist il-lemin u xellug harist jiena.

Avu: U hemmekk inti qed tghidilna li eventwalment laqtitlek it-trolley u inti ghedt illi din il-vettura kienet il-bogħod u allura għamilt kalkolu li inti stajt taqsam jekk fhimtek tajjeb?

Xhud: Iva.

Avu: Meta hadt id-decizzjoni li inti tinżel minn fuq il-bankina bit-trolley u taqsam?

Xhud: Jien ma kontx fuq il-bankina ghax ghabbejna mill-karozza jiġifieri ma kontx fuq il-bankina għax fetħet il-bagoll it-tifla ghabbejna l-affarijiet u mbagħad ittawwalt miż-żewġ naħat.

Qorti: Ha ipprova nifhem jien il-karozza tat-tifla kien hemm karozzi oħra pparkjati warajha?

Xhud: Ehe iva wara xulxin.

Qorti: Jigifieri inti qsamt minn bejn il-karozzi jigi?

Xhud: Iva.

Qorti: Imma l-vettura l-ohra ienet fuq il-lane l-ohra.

Avu: Iinti qrajt lil din il-vettura li kienet ġejja fuq in-naħa tax-xellug u ħadt id-deċiżjoni li ħa taqsam fil-proċess li inti qed taqsam lejn fejn kont qed tħares?

Xhud: Lejn dik in-naħa,

Avu: Dritt?

Xhud: Le mhux dritt, jiena kont dritt bl-carrier imma l-karozza kont qed narah minn dik in-naha imma hu ghafas iktar il-gass.

Avu: Biex ittajrek jigfieri?

Xhud: Ghafas il-gass forsi ma ranix naqsam.

Qorti: Rajtu jaghfas il-gass jew qed tassumi?

Xhud: Le jien qed nghidlek ghax minn faccata rajtu gej b`sahhtu gie b`sahhtu.

Qorti: Allura ghaliex bdejt taqsam jkk rajtu gej b`sahhtu?

Xhud: Le għax kont diġà qsamt it-triq jiena grejtha l-ahhar bicca jigifieri naghggel qsamt jiena.

Qorti: Ghaliex?

Xhud: X`jigifieri ghaliex? Ghax meta taqsam it-triq inti ma taqsamx bil-mod aqqas normali ma naghggel jiena normali.

Qorti: Sinjura inti qed tikkalkula l-affarijiet qed tghidli il-konkluzzjonijiet tieghek dak li inti wara sena jew kemm ilu ddeċidejt li ġara sinjura.

Xhud: Jiena qsamt u hu lilu sibtu fuqi.

Avu: Jiġifieri jekk qed nifhem tajjeb filli qed tarah skond int il-bogħod u filli inti bdejt taqsam it-triq u filli sibtu ma' wiċċek hekk qed tgħidilna?

Xhud: Iva.

Avu: Jiġifieri li tafu waqt li inti qed taqsam il-wisa' tat-triq dan sibtu ma wiccek hekk qed tghid?

Xhud: Mela u sibt ruhhi ma l-art.

Avu: Ma komplejtx issegwieh biex trajjtorja tiegħu inti kont qed tħares faċċata. Mille Profumi?

Xhud: Faccata.

Avu: xejn iktar.

Qorti; Ri Ezami?

Pros: Le.

**<u>Bernice Magro, ID:184793M,</u>** xehdet hekk :

Xhud: Mela jiena kont qiegħda bilqiegħda fil-karozza.

Pros: Ibda meta u fejn?

Xhud: Mela aħna konna ħaż-żabbar issa aħna konna morna nixtru mgħand il,

Pros: Meta taf meta?

Xhud: 4 ta` Marzu ma niftakarx ezatt id-data tas-sena l-ohra, mela konna Haz-Zabbar issa konna għadna kif ħriġna nixtru jiena dħalt bilqiegħda fil-karozza u ommi rajtha tħares u qasmet it-triq.

Pros: Direzzjoni ommok direzzjoni minn fejn għalfejn l-flow tat-traffic minn fejn għalfejn?

Xhud: Mela ommi kienet,

Pros: Il-karozza fin-naħa kienet ipparkjata intom u sejrin Bormla jew minn Bormla ħerġin għall Ħaż-Zabbar kontu?

Xhud: Aħna u sejrin bormla l-karozza kienet ipparkjata aħna u sejrin Bormla l-isfel.

Pros: U ommok bdiet taqsam mill n-naħa ghall liem naha?

Xhud: Ommi bdiet taqsam minn naħa ta' fejn kienet il-karozza għan-naħa l-oħra, jiġifieri aħna jien wiċċi fil-karozza kienet qed tħares lejn Bormla u ommi kienet taqsam in-naħa l-oħra. Issa kif kif bdiet taqsam harset għax rajtha tħares waslet sa nofs it-triq u jien rajtu ġej b'saħħtu min-naħa l-oħra, jiġifieri hu kien ġej minn naħa ta' Bormla ghall Haż-Zabbar.

Pros: Lil min ried sinjura jekk jogħġbok jekk tħares ġo dil-alwa hawnekk qed taghraf l-istess persuna li rajt dakinhar?

Xhud: Iva.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat.

Pros: U x`manuvra saret kif sar l-impatt?

Xhud: Mela kien gej naqra b`sahhtu rajtu jibbrejkja smajt il-brake u rajtu jibbrejkja imma laħaqx waqaf biżżejjed biex ma jolqotiex u laqatha. Issa ommi kienet bit-trolley qed taqsam u tajjar it-trolley u tgħajjar lil ommi wkoll.

Pros: Kemm kienet il-bogħod mill-bankina ta l-mill-Mille Profumi biex tasal ommok kemm kienet il bogħod?

Xhud: Ma kinitx il bogħod ħafna?

Pros: Tista' tikkalkulahom forsi kien hemm pereżempju jew?

Xhud: Ma nafx forsi 3 metres forsi 2 metres.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Kontro Ezami, Mela sinjur naqblu li din it-triq hija triq 2 way?

Xhud: Iva.

Avu: Naqblu li hija triq traffikuża.

Xhud: Iva.

Avu: U naqblu wkoll hija triq dritta?

Xhud: Iva.

Avu: Tajjeb dakinhar it-traffiku kif tiddeskrivih.

Xhud: Ħa ngħidlek dak kien is-sibt waranofsinhar, jiġifieri kien hemm ħafna nies jaqsmu l-hemm u l-hawn ħafna nies li jmorru jixtru minn dan il-ħanut ok traffiku kien miexi mexxej fiż-żewġ direzzjonijiet.

Avu: Issa il-vettura tiegħek kienet ipparkjata wiċċha tħares lejn liema direzzjoni?

Xhud: Wiċċha tħares lejn Bormla?

Xhud: Wiċċha tħares lejn Bormla.

Avu: U l-mamà tiegħek qasmet minn warajk allura?

Xhud: Eżatt.

Avu: Ok, jiġifieri jekk qasmet minn warajk tista tispjega lill-Qorti kif rajt dak kollu?

Xhud: Għax jiena dort wiċċni lejha hi u taqsam mela ommi kienet qed tpoġġi,

Avu: Dort wiċċek biex tħares lejn ommok it-triq?

Xhud: Ommi kienet qed tpoġġi l-affarijiet fil-bagoll issa ommi ghalqet il-bagoll okay jiena ħarist lejha u rajtha taqsam l-

ewwel nofs ta' triq malli dawwart wiċċi rajt lilu ġej b'saħħtu.

Avu: Kien hemm xi raġuni partikolari li inti dawwart wiċċek biex tħares lejn ommok?

Xhud: Biex nara li għalqet il-bagoll għalhekk ħares lejha.

Avu: Umbaghad għalqet il-bagoll u daqshekk.

Xhud: Le il-bagoll u ħares baqa' jħares ftit lejha.

Avu: Ok u rajtha minn fejn?

Xhud: Rajtha taqsam waslet sa nofs it-triq x'ħin indawwar wiċċi.

Avu: Fiżikament, fiżikament rajtha taqsam b'għajnejk?

Xhud: Iva.

Avu: Iva kemm kienet warajk.

Xhud: Iva wara li l-karozza.

Avu: Dak il-ħin naqblu illi kien hemm vetturi li kienu qed jinstaqu fid-direzzjoni ta' Bormla, jiġifieri hi ħalliet vettura

tgħaddi u qassmet wara li għaddiet din il-vettura la traffiku kien mexxej fi kliemek?

Xhud: Traffiku kien mexxej imma dak il-ħin lanqas meta ommi ma kienx hemm karozzi ġejjin.

Avu: Jiġifieri dak il-ħin kumbinazzjoni triq kienet kompletament vojta għalkemm għad li kien mexxej?

Xhud: Kien mexxej imma dak il-ħin li qasmet ma kienx hemm karozzi ovvjament kieku ma kinitx x'taqsam.

Avu: Imma qed tassumi jew taf li t-triq kienet vojta?

Xhud: Dak il-ħin, it-triq kienet vojta.

Avu: Kienet vojta kompletament?

Xhud: Kompletament li kien hemm min-naħa u lanqas kien hemm min-naħa l-oħra.

Avu: Ok tajjeb zebra crossing dik it-triq hemm?

Xhud: Hemm imma aktar l-isfel.

Avu: Kemm iktar l-isfel?

Xhud: Ma nafx bl-ezatti.

Avu: Jekk tista tghina kalkolu approssimattiv mhux bl-eżatt approssimattiv?

Xhd: Jien naf, forsi 30 meters iktar l-isfel għax quddiem il-ħanut tat-toys jiġifieri iktar l-isfel 30 mtrs xi ħaġa hekk.

Avu: Inti l-vettura misjuqa mill-imputat rajtha?

Xhud: Iva.

Avu: Kemm rajtha għal bogħod bhal tul?

Xhud: Ara kienet ġejja jiena rajtha ġejja mill-ħanut mil-ESL minn fejn minn ħdejn il-ħanut toys.

Avu: Jiġifieri distanza minn magħkom?

Xhud: Kienet naħseb fejn fejn iż-żebra cross kważi xi 30m rajtha ġejja minn hemmhekk.

Avu: U x' ġara allura fit-30 metru imma ma laħqitx taqsam il-wisa' tat-triq?

Xhud: Le l-mama` kienet qed iġġorr it-trolley ma kinitx qed tiġri bih kienet miexja normali.

Avu: Ok u fit-tletin metru ma laħqitx?

Xhud: Le għax kien ġej b'saħħtu hu jiena rajtu ġej b'saħħtu.

Avu: Jigifieri innutajt inti li kien ġej b'saħħtu, pero xorta qasmet il-mama?

Xhud: Il-mama` kienet diġà ġo nofs it-triq xħin rajt lilu ġej għax jiena l-mama rajtha taqsam nofs it-triq.

Pros: Ri ezami, kemm kien hemm distanza bejn fejn kont ipparkjata inti u fejn sar l-impatt?

Xhud: Hemm eżatti ħdejja għax hi qasmet eżatti minn wara mal-karozza tiegħi, jiġifieri eżatti miegħi rajtu jolqotha eżatti. Kienet eżatt faċċata tat-triq.

Pros: M'hemmx iktar mistoqsijiet.

**<u>Jonathan Galea,</u>** xehed hekk

Avu: Mela Jonathan qed nitkellmu fuq inċident li ġara fl-14 ta` Jannar 2023 fi triq il-labour ħaż-Zabbar l-ewwelnett smajna li jekk trid 2 way triq dritta u triq pjuttost traffikuża, issa dakinhar tista tiddeskrivi lill-qorti it-traffiku kif kien?

Xhud: Hemm traffiku kien ma kienx stakk normali miexi normali is-sinjura,

Qorti: Jiġifieri ma kontx waħdek fit-triq?

Xhud: Le ma kontx għadni kien hemm il-karozzi ġejjin u karozzi sejrin l1hemm jiġifieri jiena qisu bejn karozza oħra kien hemm kien hemm il-libertà, jiġifieri ma konniex bumper ma bumper kien hemm qisu,

Qorti: Kien hemm il-karozzi quddiemek u karozzi ġej minn faċċata ukoll?

Xhud: Ezatti.

Avu: Issa bħala veloċita' pressapoco kemm tikkalkula li kont għaddej?

Xhud: Jiena il-kalkoli tagħha bejn 40 u 45, jiġifieri ma kontx ghaddej velocita` li qed taħseb is-sinjura,

Avu: Le le mhux x`tahseb int x`kont ghaddej int.

Xhud: Li huwa.

Avu: Li hu vettura quddiemek qed nifhem li kellek hux hekk?

Xhud: Ijja kien hemm vettura.

Avu: Din il-vettura li kienet qed tinstaq quddiemek kemm kien hemm distanza bejnietkom?

Xhud: Kien hemm nofs karozza.

Avu: Nofs karozza Karozza u din il-vettura kienet qed tinstaq bl-istess veloċità tiegħek?

Xhud: Ijja ma konniex għaddejjin b'veloċita qawwija konna għaddejjin b' 40 mhux triq li qiek qieghed go main road.

Avu: Zebra crossing dik it-triq hemm Jonathan?

Xhud: Ijja hemm ijja ara minn fejn kien hemm l-accident lura kien hemm qisu 20 metru 25 metru li gara l-kaz issa jiena kont sejjer lejn Haz-Zabbar illum il-gurnata fejn gara l-accident ghamlu zebra crossing ghaluha issa ricenti.

Qorti: Apparti li kien hemm dak in-nhar?

Xhud: Le ma kienx hemm x=zebra crossing ohra meta gara l-accident.

Qorti: Le le hu pacenzja meta gara l-accident diga kien hemm zebra crossing?

Xhud: Il-lights kien hemm biss jaqsmu in-nies minnha, issa illum ricenti ijja u ieħor issa issa imma riċenti forsi.

Qorti: Imma issa hemm 2.

Avu: Ok issa għidilna x' ġara Jonathan mela inti qed issuq b' 40.

Xhud: Jien qed insuq ghal-affari tiegħi, is-sinjura qasmet min-naħa l-oħra tat-triq kontrija qasmmet minn wara karozza.

Avu: Issa qassmet minn wara karozza li kienet ġejja mil-liema direzzjoni?

Xhud: Niezla lejn Bormla issa hi issa hi kienet moħbija wara karozza tagħha gejja karozza oħra kontra tiegħi u baqgħet ħierġa għall ġo nofs ta' triq bil-carrier.

Avu: Jigifieri inti il-viżwali tiegħek qed issuq dritt u x`ghamilt u rajt?

Xhud: Jien kull ma rajt it-trolley gie quddiem tal-karozza tieghi, it-trolley habat mal-bumper u mal-bonnet.

Qorti: Ghaliex ma rajtx it-trolleyGhax ma stajtx narah qabel?

Xhud: Ghax hi qabdet u qasmet mhux waqfet baqet hierga minn naha ghall-ohra tat-triq, baqet hierga minn wara karozza ohra, vettura kbira.

Qorti: Kienet ghaddeja mit-triq u qassmet minn warajha?

Xhud: Qasmet minn warajha ezatti.

Avu: Inti il-vettura tiegħek laqtet ma' xiex?

Xhud: Mat-trolley.

Avu: Il-persuna?

Xhud: Le il-persuna ma missejtiex u wara dan il-kaz.

Avu; Issa x`gara meta x'ġara meta inti il-vettura laqtet it-trolley x'għamel it-trolley?

Xhud: It-trolley dar biha u ittwistja biha twissija u waqgħet mal-art u għalhekk kollox peress,

Avu: U inti waqaft fejn visa vi it-trolley?

Xhud: Waqaft fejn fejn ġara l-accident jiġifieri mhux soqt tfajt fil-ġenb u ghollejt il-handbrake xeghelt il-hazzard lights inzajt is-seatbelt mort ngħin lis-sinjura tqum minn mal-art.

Avu: Issa meta inti mort ħdejn is-sinjura biex tgħinha tqum minn mal-art fejn kienet pożizzjonata sinjura?

Xhud: Is-sinjura kienet qiegħda fuq il-linja tan-nofs jiġifieri mhux kienet f' quddiemi għax trolley just kemm dawwarha waqet u offrejtilha ghall darba tnejn tlieta inwassalha Health jew l-isptar qaltli li ghandi xejn sadattant it-tifla tagħħa kienet ghadha ma ġietx x`ħin ġiet it-tifla tagħha bidlet il-viżjoni ajma l`hemm ajma l`hawn u meta bagħtu għalija l-għassa biex imur nagħmel rapport tiegħi ghamilt ir-rapport mill-A sa Z li ġara u ma ġarax u xħin lestiet il-PC 138 offrejtilha biex jiġu jaraw il-karozza tiegħi jekk m'għandhomx daqqiet apparti li ġara mat-trolley gew jaraw il-karozza 2 pulizija u ma sabu xejn ħlief id-daqqa li kelli fuq il-bonnet fuq il-bumper u x-xibka u l-bqija xejn iktar.

Avu: Xejn iktar.

Pros: Kontro Ezami,ke mm damet biex ġiet it-tifla tagħha minn wara l-impatt?

Xhud: 5 minuti u sadanittant is-sinjura qajjimtha minn mal-art bdejt nitkellem magħha, jiġifieri kienet ghadha aqqas giet t-tifla tagħha mbagħad ġiet it-tifla tagħha ġiet propja mhux minn fejn qasmet it-tifla tagħha ġiet minn fejn supermarket it-tifla tagħha qaltli li kont pparkjata quddiem is-supermarket, jiġifieri karozza tagħha mhux hawn kienet ipparkjata, kienet hawn il-karozza skont ir-rapport tagħha.

Pros: Inti kif rajt il-karozza ta' quddiem is-sinjura u ma rajtx lilha?

Xhud: Le jien jiena sinjorina rajt,

Qorti: Hu qal harget wara vann allura ma setghax jaraha ghax kienet vann.

Xhud: Ezatti issa t-tifla taghha fejn gara l-accident hi qalet li kienet ipparkjata il-karozza taghha,

Qorti: Le hi qalet kienet ipparkjata faccata.

Xhud: Ijja fejn gara l-accident issa hi kienet ipparkjata quddiem is-supermarket mhux faccata ma nafx kif qalet li kienet ipparkjata.

Qorti: U għaliex wasalt għal konklużjoni li kienet pparkjata quddiem?

Xhud: Għax it-tifla tagħha minn ħdejn supermarket ġiet.

Qorti: Allura wasalt ghall-konkluzzjoni li l-karozza taghha kienet hemm.

Xhud: Ghax it-tifla taghha giet minn gol-karozza taghha u giet minn gos-Supermarket.

Pros: M`ghandix mistoqsijiet.

**PC 138 M Saliba** xehed permezz ta' affidavit

**T- Tabiba Elena Fava** xehdet permezz ta' Affidavit

**Ikkunsidrat**

C-Certifikat mediku Dok ma fihx isem u kunjom shih u bhekk l-ewwel(1) imputazzjoni ma tistghax tirrizulta. Inoltre hemm kunflitt kbir fil-provi rigwartandi l-incident u ma hemmx l-livell ta' provi ta "beyond a reasonable doubt" rikjest fil-kamp kriminali u bhekk t-tieni (2) u t-tielet(3) imputazzjoni ukoll ma jirrizultawx.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l- Artikoli 226(1)(c) tal-Kap 9 Artiklu 15(1)(a ) (a) tal- Kap 65 L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

ma ssibx lil Jonathan Galea hati tal-imputazzjonji fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**